VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,974, 6 ta' April, 2018

Taqsima B

A.L. 107 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Youth and Community Studies – M. YCS - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Youth and Community Studies – M. YCS - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad tal-2008 għall-Grad ta' Master in Youth and Community Studies – M. YCS - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala l-Avviż Legali 284 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Marzu, 2018 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"10. L-istudenti jitħallew ikomplu għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni jekk jiksbu s-60 krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja minima ta' 55%."